TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

CCT/6/15/S

Miriam Busuttil
Vs
Melvin Borg Concrete Limited

Illum 16 t'Ottubru,2015.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Miriam Busuttil ipprezentata fid-9 ta'Jannar,2015 u r-risposta tas-socjeta Melvin Borg Concrete Works Limited ipprezentata fit-23 ta'Jannar,2015 kif ukoll il-kontrotalba prezentata fl-istess data mis-socjeta intimata u r-risposta ta'Miriam Busuttil ipprezentata fid-29 ta'Jannar,2015;

Ra d-dokumenti pprezentati u r-rapport tal-espert il-Perit Arkitett Abigail Scicluna Lewis, sema' lill-partijiet u t-trattazzjoni taghhom maghmula fis-seduta tat-23 ta'Lulju,2015;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda xoghol ta' "concrete" f'terrazzin kif ukoll gewwa, fejn hargu numru ta' "cracks" bil-konsegwenza li kien qed ikun hemm perkolazzjoni ta'ilma ghall-fond sottostanti;

Illi jinghad mal-ewwel li l-konstatazzjoni dwar dan l-ilment u jekk ix-xoghol imwettaq mis-socjeta intimata huwiex difettuz jew le, hi materja teknika u kien ghalhekk li tqabbdet l-espert il-Perit Arkitett Abigail Scicluna Lewis ghal dan il-ghan;

Illi fid-decizjoni moghtija fid-19 ta'Novembru,2001 fl-ismijiet "**Calleja vs Mifsud**" il-Qorti tal-Appell argumentat li :

*"...Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta'fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti.*

*Il-Qorti ma kienitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra.*

*Mill-banda l-ohra pero, huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova..."*;

Illi jigi sottolineat li dan it-Tribunal, kif obbligat li jaghmel, gharbel minn lenti kritika r-rapport tal-espert pero ma ra ebda lok li jiskartah;

Illi l-Qrati taghna kemm-il darba esprimew rwiehhom li l-konkluzjoni ta' espert m'ghandhiex tigi skartata b'mod legger;

Illi fil-fatt il-Qrati taghna ma jistawx jinjoraw relazzjoni peritali sakemm ma jkunux konvinti li l-konkluzjoni ta'tali relazzjoni ma kinitx gusta u korretta u din il-konvinzjoni trid tkun wahda motivata minn gudizzju ben infurmat, anki fejn mehtieg mill-lat tekniku[1];

Illi kif inghad mill-Qorti tal-Appell fid-decizjoni moghtija fit-23 ta'Gunju,1967 fil-kawza fl-ismijiet "**Bugeja et vs Muscat**":

[1] "**Cauchi vs Mercieca**" deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 t'Ottubru,1999 u "**Calleja noe vs Mifsud**" deciza mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta'Novembru,2001.

"...*Il giudizio dell'arte espress mill-perit tekniku ma jistax u m'ghandux, aktar u aktar fejn il-parti interessata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta lilha moghtija ta'talba ghan-nomina ta' periti addizzjonali, jigi skartat facilment, ammenokke ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kola tac-cirkostanzi, irragonevoli*...";

Illi wara li gie pprezentat ir-rapport tal-espert, il-partijiet ittrattaw il-kontenut tieghu kif ukoll ghamlu s-sottomissjonijiet rispettivi;

Illi tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal jaghmel tieghu il-konkluzjonijiet milhuqa mill-espert il-Perit Arkitett Abigail Scicluna Lewis mahtura minn dan it-Tribunal;

Illi l-espert titkellem car li dawn il-'cracks' "*are practically unavoidable*".[2]

Illi ghalhekk it-talba ghal kumpens monetarju daparti tar-rikorrenti ma tistax tintlaqa' ghax mhijiex gustifikata;

Illi l-espert tat ir-rakkomandazzjoni taghha[3] u t-Tribunal qed jaghmel tieghu tali rakkomandazzjoni;

Illi fir-rigward tal-kontrotalba pprezentata mis-socjeta intimata, din tirrizulta pruvata skont il-provi mressqa;

Illi Miriam Busuttil ittentat tiggustifika dan in-nuqqas ta' hlas daparti taghha minhabba li s-socjeta intimata kellha tobrox parti mill-art u jerga' jinghata 'micro finish' u li baqghet inadempjenti;

Illi fil-kwotazzjoni prezentata fl-atti, jirrizulta li l-ammont miftiehem kien ta' €11000 filwaqt li €9000 gja thallsu mir-rikorrenti;

Illi ghalhekk l-ammont ta' €2000 ghadu dovut mir-rikorrenti lis-socjeta intimata;

Illi min-naha l-ohra, is-socjeta intimata trid taghmel ix-xoghol ta'riparazzjoni kif spjegat fir-risposta tar-rikorrenti ghall-kontrotalba;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' t-talba ta'Miriam Busuttil u Jordna lis-socjeta Melvin Borg Concrete Works Limited taghmel ix-xogholijiet imnizzla fit-tielet paragrafu tat-tieni pagna tar-rapport datat 26 ta'Frar,2015 tal-espert il-Perit Arkitett Abigail Scicluna Lewis u dan fi zmien xahar mill-llum filwaqt li fir-rigward tal-kontrotalba u r-risposta ghaliha, it-Tribunal Jordna li Miriam Busuttil thallas lis-socjeta Melvin Borg Concrete Works Limited is-somma ta' €2000 kif fuq inghad, u s-socjeta intimata ghandha fi zmien xahar mill-llum taghmel ix-xoghol ta'riparazzjoni f'"area" ta'5 metri b'metru u li hi ta'kulur differenti mill-kumplament billi tinbarax din il-parti u s-socjeta intimata terga' taghti l-'micro-finish' biex il-kulur fl-appartament ikun kollu l-istess.
L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri inkluz tar-rapport tal-espert, jithallsu mis-socjeta Melvin Borg Concrete Works Limited.

Richard Sladden Av.
Arbitru

---

[2] Fol 10 tal-atti.
[3] 3 paragrafu tat-tieni pagna tar-rapport tal-espert il-Perit Arkitett Abigail Scicluna Lewis.